# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 63/17 JZM**

**Victoria Cassar**

***v.***

**Avukat Ġenerali u Joseph Degabriele bħala *chairman* f'isem il-Bord tal-Ħaddiema tal-Port**

1. Dan huwa appell tal-attriċi u appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali minn sentenza tad-29 ta' Novembru 2018 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet ksur tal-jedd tal-attriċi mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], u ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallasha għaxart elef euro (€10,000) bħala "kumpens morali" għal dak il-ksur, iżda ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal

dikjarazzjoni ta' ksur tal-artt. 3 u 14 tal-Konvenzjoni u ksur ulterjuri tal-art. 6 tal-istess Konvenzjoni. Sar appell mill-attriċi minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talbiet tagħha kif ukoll mil-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-ewwel qorti fejn sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni; sar ukoll appell inċidentali mill-Avukat Ġenerali minn dik il-part li laqgħet it-talbiet tal-attriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi hija bint ħaddiem tal-port. Meta missierha refa' mix-xogħol l-attriċi fittxet li tieħu postu fost il-ħaddiema tal-port iżda ma tħallietx billi l-liġi dak iż-żmien[1] ma kinitx tippermetti li nisa jkunu ħaddiema tal-port. Fetħet kawża[2] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Bord tal-Ħaddiema tal-Port biex titlob illi titħalla ssir ħaddiema tal-port u biex titħallas id-danni jekk il-post jingħata lil ħaddieħor. Bi provvediment tas-7 ta' Mejju 1999 il-qorti issospendiet is-smigħ sakemm l-attriċi timpunja r-Regolamenti relativi minħabba inkompatibilità mal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Konvenzjoni.

3. L-attriċi għalhekk fetħet kawża kostituzzjonali[3] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex timpunja r-Regolamenti, u l-qorti b'sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000 iddeċidiet hekk:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port (Avviż Legali 90 tal-1993) u l-artikoli l-oħra tar-Regolamenti li jagħmlu referenza għas-sess maskili biss u *cioè* r-regolamenti numri 14, 16 u 17, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti [*sic*] protetti mill-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joħolqu diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, b'dan li kull distinzjoni fuq il-bażi tal-istess għandha tiġi dikjarata nulla u bla effett;

1 Ir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port (A.L. 90 tal-1993).

2 <u>Victoria Cassar *et v.* Carmel Schembri *nomine*</u> (ċitaz. 1560/1993).

3 <u>Victoria Cassar *v.* Awtorità Marittima ta' Malta *et*</u> (rik. 706/1999).

»2. tiddikjara null u bla effett l-artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port (Avviż Legali 90 tal-1993) u dawk l-artikoli kollha l-oħra tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port (Avviż Legali 90 tal-1993) fuq indikati regolamenti numri 14, 16 u 17 u dan biss inkwantu li jagħmlu diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess;

»3. tordna lill-intimat Carmel Schembri għan-nom u in rappresentanza tal-Bord tal-Ħaddiema tal-Port iħalli lir-rikorrenti tirreġistra bħala ħaddiem tal-port fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port b'effett retroattiv mid-data tal-1 ta' Awissu 1992 b'mod li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tar-regolament 11(3) tal-istess Avviż Legali 90 tal-1993.«

4. Wara appell minn dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tat-2 ta' Novembru 2001 iddeċidiet hekk:

»… … …

»(ċ) tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi għall-fini ta' kjarezza t-tielet paragrafu tad-*decide* għandu jiftehem fis-sens illi l-ordni mogħti lill-intimat Carmelo Schembri *nomine* kien illi jħalli lir-rikorrenti appellata tirreġistra bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xogħol.«

5. Hekk kif inqatgħet il-kawża kostituzzjonali tkompliet il-kawża ċivili li kienet tħalliet *sine die* sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali.

6. B'sentenza tal-14 ta' Novembru 2012 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża ċivili hekk:

»… … … tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, takkolji t-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tal-atturi u konsegwentement:

»1. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi Victoria Cassar minħabba l-aġir riskontrat tal-konvenut *nomine* fl-ammont ta' seba' mija u disgħa u disgħin elf, mija u tmienja u sittin euro, (€799,168.00);

»2. tikkundanna lill-konvenut *nomine* fuq indikat biex iħallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu preċedenti lill-atturi Victoria u Raymond konjuġi Cassar kif fuq ġà debitament indikati.«

7. Sar appell u l-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-26 ta' Mejju 2017 iddeċidiet hekk:

»… … … tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi akkolti fl-istess sentenza; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi – ħlief dawk ġà deċiżi u li għaddew in ġudikat – ikunu bla taxxa bejn il-partijiet *stante* ċ-ċirkostanzi tal-każ u n-novità tal-kwistjoni.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tħassar is-sentenza appellata ġew imfissra hekk:

»L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel qorti kellha l-ewwel tiddeċiedi fuq ir-responsabbilità tal-konvenut *nomine* qabel tgħaddi għal-likwid-azzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni mitluba.

»L-appellant [il-Bord tal-Ħaddima tal-Port] jissottometti li l-ewwel qorti għaddiet mill-ewwel għal-likwidazzjoni tad-danni mingħajr ma stabbi-liet ir-responsabbilità *o meno* tiegħu għal dawk id-danni. Jippreċiża li mhux qed jgħid li kien hemm *omissa decisione* għaliex ma kien hemm ebda talba għal dikjarazzjoni ta' tali responsabbilità izda jsostni li 'jidher ċar li l-ewwel qorti injorat totalment il-pern tal-kawża'.

»Din il-qorti taqbel mal-loġika tal-argument imressaq mill-appellant. L-appellata fiċ-ċitazzjoni tagħha talbet l-ewwelnett biex il-konvenut *nomine* ma jimpjega lil ħadd biex jimla l-post vakat minn missierha u biex iħalliha tirreġistra isimha fil-ktieb tal-ħaddiema prospettivi. Imbagħad talbet il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kemm-il darba jiġi impjegat xi ħadd minflok missierha. L-ewwel qorti fl-ewwel sentenza tagħha (7 ta' Mejju 1999) iddeċidiet li ma tippronunzjax ruħha qabel ma jiġi sollevat il-kweżit kostituzzjonali dwar il-validità tal-liġi invokata mill-konvenut *nomine*. Il-Prim'Awla fis-sede kositituzzjonali tagħha (fil-kawza <u>Cassar *v.* Awtorita Marittima</u>) iddeċidiet illi:

> »"… … …
>
> »"tordna lill-intimat Carmel Schembri għan-nom u in rappreż-entanza tal-Bord tal-Ħaddiema tal-Port iħalli lir-rikorrenti tirreġistra bħala ħaddiem tal-port fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port b'effett retroattiv mid-data tal-1 ta' Awissu 1992 b'mod li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament 11(3) tal-istess Avviż Legali 90 tal-1993."

»Għalhekk ma kienx awtomatiku kif donnha dehrilha l-ewwel qorti li xogħolha kien issa biss li tillikwida l-ħlas u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas id-danni. Kellha l-ewwel tistħarreġ x'responsabbiltà kellu l-konvenut u x'ness kien hemm – jekk kien hemm – bejn l-azz-jonijiet tal-appellant u d-danni li qed tallega li sofriet l-appellata. Din il-qorti però m'hijiex se tieqaf hawn u tirrimetti l-proċess lill-Prim'Awla kif tista' tagħmel, għaliex aktar dilungar tal-proċeduri jservi biss biex itawwal l-inċertezza tas-sitwazzjoni bejn il-kontendenti. Għalhekk, anke għaliex dan il-punt huwa trattat fl-atti tal-appell u l-avukati rispett-ivi trattaw oralment ukoll dwaru, se tistħarreġ il-kwistjoni ta' jekk fil-fatt kienx hemm dan in-ness u allura kienx hemm ir-responsabbilità tal-appellant għad-danni reklamati.

»L-appellanti ssostni li, fi kliemha, hija "kellha idejha marbuta mir-Regolamenti" in kwistjoni; tant huwa hekk illi l-istess appellata dejjem sostniet fil-kors tal-proċeduri odjerni illi l-appellanti kellha tinterpreta l-istess regolamenti b'mod favorevoli għaliha meta dan ma kienx assolutament possibbli.

»… … …

»Għalhekk l-appellant *nomine* jsostni li huwa mexa mal-liġi meta aġixxa bil-mod li aġixxa – tant huwa hekk li l-Qorti Kostituzzjonali sussegwentement iddikjarat null ir-regolament fuq bażi ta' sess.

Għalhekk ikompli jgħid li l-appellata ma setgħetx tistenna li jħalliha tirreġistra bħala ħaddiema tal-port meta l-liġi dak iż-żmien kienet tipprojbixxi li dan isir.

»L-appellata tirrispondi għal dan l-argument billi tgħid li l-appellant ma jistax iwaħħal fil-liġi għaliex kien hu li kien qed jiddiskrimina magħha u li l-appellant *nomine* kien aġixxa b'mod selettiv u arbitrarju bil-mod kif applika l-liġi. Hija baqgħet issostni li l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien diġà jippermetti interpretazzjoni tar-Regolamenti b'mod li ma kienx jibqa' diskriminatorju.

»Din il-qorti ma taqbilx mal-mod kif baqgħet targumenta l-appellata f'dan ir-rigward. L-ewwelnett l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti tar-Regolament in kwistjoni għaddiet in ġudikat u allura hija ma tistax tibqa' tostina ruħha f'dan is-sens. Fil-fatt il-qorti ordnat lill-appellata li tressaq l-ilment tagħha quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex din tinvestiga l-kostituzzjonalità *o meno* tal-istess regolament, kif fil-fatt għamlet. Għalhekk l-appellant *nomine* applika l-liġi eżistenti korretta-ment, *sia pure* din il-liġi ġiet dikjarata eventwalment li tikser il-provvedimenti kostituzzjonali fir-rigward.

»L-appellanti *nomine* ssemmi wkoll li l-appellata naqset li tirreġistra ruħha biex taħdem bħala *portworker* wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali għalkemm ġiet mistiedna tagħmel dan mill-istess *Port Workers Board*. L-appellata tirrispondi għal dan billi tgħid illi hija ma għamlitx dan għaliex il-permess li kellu missierha kien ġie assenjat lil zijuha qabel ma bdiet il-kawża. Għalhekk hija tgħid li kull eventwali applikazzjoni tagħha kienet se tkun inutili. Fil-fatt fir-risposta tagħha għall-appell hija tgħid li 'l-verità kienet li hija ma setgħetx tmur tapplika għaliex postha kien diġà meħud'.

»Din il-qorti ma tistax taċċetta dan l-argument tal-appellata. Ma kienx jispetta liha tiddeċiedi minn qabel li ma kenitx se tiġi reġistrata bħala *port worker* għaliex post missierha mtela' minn zijuha. Dan kollu huwa supposizzjoni min-naħa tagħha. Hija kellha l-opportunità tapplika u irrifjutat għar-raġunijiet tagħha – minflok hija qagħdet tistenna lill-qrati biex jikkumpensawha għal kull minuta xogħol li qed tgħid li tilfet minħabba dak li gara u *oltre* – bl-ingliz *she sat back* u qagħdet tistenna kumpens astronomiku kif jidher anke mill-appell inċidentali tagħha.

»Dan l-aggravju għalhekk huwa akkolt u din il-qorti ma ssibx li l-appellat *nomine* kien responsabbli għad-danni li qed tallega li sofriet l-appellata. Stabbilit dan, ma hemmx lok li l-qorti teżamina l-kumplament tal-appell prinċipali u lanqas l-appell inċidentali.«

9. Billi dehrilha illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell "tivvjola l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiggarantixxi ħarsien minn diskriminazzjoni, inkluż fuq bażi ta' sess, kif ukoll diversi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom l-artikolu 6(1) dwar id-dritt għal smigħ xieraq u dwar id-dritt għal smigħ fi żmien raġonevoli, l-

artikolu 13 dwar id-dritt għal rimedju effettiv, l-artikolu 1 tal-Protokoll 1 dwar id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti, u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea", l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti jogħġobha:

»i. twettaq u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tagħha hawn fuq indikati dettaljatament, tiddikjara li hija reġgħet sofriet vjolazzjonijiet ġodda tad-drittijiet fundamentali tagħha hawn fuq indikati. u *cioè* l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, artikolu 3 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni, u artikolu 13 tal-Konvenzjoni;

»ii. [tordna li] tingħata lilha l-liċenzja ta' missierha bħala ħaddiem tal-port b'effett mill-1 ta' Awissu 1992, wara li missierha Carmelo Abela rtira bl-età fil-31 ta' Lulju 1992;

»iii. tħassar is-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2017; u

»iv. tordna l-ħlas lilha ta' kumpens xieraq li jikkomprendi mhux biss il-ħlas tad-danni li ġew likwidati ġudizzjarjament u ttieħdu lura lilha b'riżultat ta' sentenza leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif ukoll il-ħlas tad-danni konsegwenzjali ulterjuri, iżda wkoll danni non-pekunjarji ossija danni morali.«

10. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti … qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet u dwar l-eċċezzjonijiet … billi :-

»riferibbilment għall-ewwel talba, tiddikjara li qiegħda ssib … vjolazzjoni biss tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif imħares bl-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

»tiċħad it-tieni u tielet talbiet tar-rikorrenti;

»tilqa' r-raba' talba limitatament billi unikament għall-fini tal-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti tal-jedd tagħha hekk kif tutelat bl-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali qiegħda tillikwida favur tagħha kumpens morali fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000);

»tordna lill-intimat Avukat Ġenerali sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

»bl-applikazzjoni tal-art. 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.«

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni, safejn relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Il-qorti tikkondividi l-fehma tal-intimati illi l-funzjoni tagħha mhijiex li sservi bħala *terzo grado di appello* li l-liġi ma tippermettix.
>
> »… … …
>
> »Anke jekk ir-rikorrenti ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell, u anke jekk il-Qorti tal-Appell ħadet żball fl-interpretazzjoni tagħha tal-fatti jew tal-liġi, is-setgħa ta' din il-qorti bħala qorti ta' ġuris-dizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali huwa ċirkoskritt u arġinat [*recte*, is-setgħa … hija ċirkoskritta u arġinata] għall-istħarriġ ta' jekk avveratx ruħha leżjoni tal-jeddijiet fondamenti tar-rikorrenti. Kwalunkwe konsiderazzjoni oħra tmur *oltre* l-kompetenza tagħha.
>
> »Għalhekk qiegħda tiċħad it-tielet talba.
>
> »Minn eżami tal-premessi tar-rikors promotur, minn qari tar-risposti, minn analiżi tal-proċessi, kif ukoll minn dak li ħareġ min-noti ta' sottomissjonijiet, jidher illi l-pern tal-kwistjoni kollha joqgħod fuq l-interpretazzjoni illi ngħatat lit-tielet paragrafu [4] tal-parti deċiżorja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Kien wara l-għoti ta' din is-sentenza li qamet animosità bla bżonn bejn il-partijiet. Kien ukoll konsegwenza tal-interpretazzjoni li ngħatat lil dan it-tielet paragrafu tad-*decide* illi s-sitwazzjoni hadet l-isvolta li hadet u wasslet għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li qiegħda tiġi impunjata fil-proċediment tal-lum.
>
> »Ir-rikorrenti qiegħda ssejjaħ lil din il-qorti sabiex tistabilixxi kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attriċi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. L-attriċi qiegħda tqiegħed in diskussjoni sew il-proċess ċivili kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti tallega illi s-sentenza ġabet vjolazzjoni tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni, tal-art. 6(1), tal-art. 14 abbinat mal-art 3 u l-art. 13 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni. Tafferma li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mhijex kompatibbli mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali peress illi filwaqt li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li kien hemm leżjoni tal-jeddijiet fondamentali tagħha, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kienx ħaqqha kumpens. Il-Qorti tal-Appell irrevokat *in toto* s-sentenza tal-ewwel qorti. Huwa evidenti l-iskonfort tar-rikorrenti li minn naħa waħda kellha ġudikat favur tagħha u min-naħa l-oħra baqgħet b'xejn.
>
> »Minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jirriżulta li t-talbiet tal-attriċi kienu miċħuda għaliex il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi l-bord ma kienx responsabbli għall-ħlas ta' danni għaliex ma kienx hemm ness bejn l-aġir tiegħu u d-danni li tagħhom ir-rikorrenti ippretendiet il-ħlas. Il-Qorti tal-Appell tat piż lill-fatt illi l-attriċi naqset milli tieħu r-rimedju li kien akkordat lilha meta ma marritx tagħmel ir-reġistrazzjoni biex tkun kunsidrata bħala ħaddiema ta-xatt liċenzjata. Il-fatt waħdu li kien hemm eżitu sfavorevoli għar-rikorrenti bid-deċiżjoni

[4] Para. 4, *supra.*

tal-Qorti tal-Appell mhux neċessarjament ifisser li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha.

»Dan premess, din il-qorti tirrileva illi din il-qorti diversament presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali sabu li l-liġi kif kienet fis-seħħ kienet diskriminatorja kontra r-rikorrenti fuq bazi ta' sess. Il-provvediment kien, fl-ewwel lok, bidla fil-liġi eżistenti sabiex tkun eliminata kull forma ta' diskriminazzjoni u b'hekk jinfetaħ il-bieb sabiex nisa wkoll ikollhom id-dritt jirtu l-liċenzja ta' missierhom u jidħlu fl-impieg bħala ħaddiema tax-xatt; fit-tieni lok, ordni biex ir-rikorrenti titħalla tirreġistra personalment billi ġie ordnat illi l-attriċi titħalla tirreġistra; fit-tielet lok, li r-reġistrazzjoni kellu jkollha effett retroattiv billi tibda tgħodd mill-1 ta' Awissu 1992.

»Minn qari korrett u preċiż tad-deċiżjoni, ir-rimedji li jolqtu lir-rikorrenti personalment ma jistgħux jiġu interpretati bħala li taw jedd lir-rikorrenti li ssir ħaddiema tal-port b'mod awtomatiku.

»Il-kliem "eligibbli" u "konsidrata" li użat il-qorti huma ċari u ma jagħtux lok għal ekwivoċi.

»Dwar l-eliġibilità, bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonfermata l-vjolazzjoni, u tneħħiet id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess. Għalhekk ir-rikorrenti, bħala l-ewwel wild ta' Carmel Abela, kienet tikkwalifika bħala persuna eliġibbli li tirreġistra l-interess tagħha biex tiret il-liċenzja ta' ħaddiema tal-port li kellu missierha.

»Dwar il-konsiderazzjoni, huwa ċar għal din il-qorti li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ben konxja tal-proċedura li kellha tiġi segwita. Dik il-proċedura kellha tgħodd għar-rikorrenti wkoll. Bħala l-persuna li kellha dritt tiret il-liċenzja kellha tirreġistra l-interess tagħha. Meta jkun hemm post vakanti, persuna reġistrata (kif kienet sejra tkun ir-rikorrenti) kellha tissoddisfa l-kriterji elenkati fir-reg. 11(3) li jitolbu: illi l-persuna tkun maġġorenni iżda ma tkunx għalqet il-45 sena; illi tkun ċertifikata medikament li tajba għax-xogħol; illi turi li għandha l-ħiliet u l-kwalitajiet neċessarji sabiex taqdi d-dmirijet ta' ħaddiem tal-port; illi tkun persuna idonea u adatta għax-xogħol tal-port; u illi jkollha ċertifikat ta' kondotta tajba.

»Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li kien hemm diskriminazzjoni, neħħiet l-ostakolu li kien hemm fil-liġi eżistenti u tat rimedju lir-rikorrenti. Fl-istess waqt is-sentenza ma warrbitx il-proċedura kontemplata mil-liġi ta' kif persuna eliġibbli tkun ikkunsidrata biex issir ħaddiem liċenzjat tal-port. Dak li kien igħodd għal ħaddieħor kien se jgħodd ukoll għar-rikorrenti. Li kieku kien diversament, kienet tkun dik is-sentenza stess li kienet toħloq diskriminazzjoni kontra persuni oħra li għax eliġibbli kienu reġistrati u kienu qegħdin jistennew it-turn tagħhom. Il-proċedura kellha tkun osservata u segwita anke mir-rikorrenti kemm fil-kelma kif ukoll fl-ispirtu tagħha. Din il-qorti tkompli tosserva li, sabiex tagħti rimedju effettiv għal-leżjoni, il-Qorti Kostituzzjonali ordnat li r-reġistrazzjoni ssir b'effett mill-1 ta' Awissu 1992 u *cioè* mid-data ta' meta rtira mix-xogħol bil-pensjoni missier ir-rikorrenti. B'hekk il-qorti ħadet ħsieb sabiex ir-rikorrenti ma titlifx il-*queueing*. Li kieku l-qorti għamlet diversament u *cioè* li kieku pprovdiet illi r-reġistrazzjoni ssir mid-data tas-sentenza allura dak kien jissarraf fi preġudizzju għar-rikorrenti. Għamlet sew il-qorti li akkordat lir-rikorrenti dritt għar-registrazzjoni li kellu jinħoloq favur tagħha b'effett mid-data meta missierha rtira bl-età minn xogħlu bħala ħaddiem tax-xatt.

»*In vista* tal-premess, il-qorti qiegħda tiċħad it-tieni talba.

»Il-qorti tagħmel referenza għall-verbal tal-partijiet tal-4 ta' Novembru 2004 li jgħid:-

> »"Il-partijiet qed jaqblu illi l-attriċi Victoria Cassar tista' tiġi reġistrata bħala ħaddiem prospettiv jew persuna eleġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port wara li jiġu sodisfatti ċerti kriterji li jsiru normalment u *cioè* li jsir *test* mediku u li tiġi eżaminata l-kondotta tal-attriċi. Il-partijiet qed jiftiehmu wkoll li dwar il-produzzjoni da parti tal-attriċi ta' liċenzja tas-sewqan il-partijiet ser jagħmlu verifiki ulterjuri.
>
> »"Wara li jiġu sodisfatti dawn il-kriterji l-attriċi tkun tista' tiġi reġistrata bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsiderata bħala ħaddiem tal-port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xogħol u dan *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali."

»Kif jirriżulta mill-verbal tas-7 ta' Frar 2006, l-attriċi għamlet referenza għall-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2004 u talbet li ssir is-segwenti kjarifika:

> »"… jikkjarifika li l-attriċi hi intitolata li tiġi iskritta bħala ħaddiema prospettiva fir-reġistru appositu tal-*Port Workers Scheme* u wara dan l-istadju sabiex tingħata il-liċenzja sabiex tkun tista' taħdem fl-istess skema għandhom isiru xi testijiet bħal ma huwa it-*test* mediku u tiġi eżaminata l-kondotta tal-attriċi.
>
> »"Charles Abela għall-konvenut *noe* jiddikjara li jaqbel ma' din id-dikjarazzjoni tal-attriċi."

»Kien ritenut kostantement mill-qrati tagħna illi verbal maqbul bejn il-partijiet fl-atti ta' kawża jikkostitwixxi rabta. Fl-istess waqt ir-rikorrenti ma tistax tagħmel l-argument illi kellha tiġi reġistrata mill-ewwel bħala ħaddiema tal-port. Dwar dan ir-rikorrenti m'għandhiex ragun.

»Kemm fit-termini tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u kif ukoll skont dak li jirriżulta mill-verbali tal-kawża, ir-rikorrenti kellha biss dritt li tkun reġistrata bħala ħaddiem prospettiv.

»Minħabba dak li fehmet li kienet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrenti dehrilha li ma kellhiex tmur tirreġistra l-interess tagħha bħala ħaddiem prospettiv għaliex għaliha l-gudikat kien igħid diversament. Min-naħa l-oħra l-bord intimat fehem illi kellha tkun ir-rikorrenti li kellha tmur tagħmel ir-reġistrazzjoni. Kull parti żammet ferma mal-posizzjoni tagħha; xhieda ta' dan huma l-iskambji li għaddew bejniethom. Addirittura l-bord sejjaħ lir-rikorrenti sabiex tmur tirreġistra bħala ħaddiem tax-xatt prospettiv iżda r-rikorrenti ma marritx. Bħala fatt kien fil-25 ta' Ġunju 2004 li bagħat għar-rikorrenti "sabiex tikkonferma l-interess tiegħek li tapplika bħala ħaddiem prospettiv tal-port". Il-vertenza kienet ilha għaddejja mill-1993 u l-emendi għal-leġislazzjoni kienu ilhom li saru mill-2001. Ir-rikorrenti wieġbet b'ittra tas-17 ta' Lulju 2004 fejn apparti li għamlet referenza għar-reġistrazzjoni tal-interess tagħha li għamlet fl-1992 meta irtira missierha bl-età, irreferiet għall-protest ġudizzjarju tagħha tal-11 ta' Frar 1993, għas-sentenza tat-2 ta' Novembru 2001, u għall-ittra uffiċjali tal-14 ta' Frar 2003. Intant insorġiet ukoll il-kwisjoni tal-età billi persuna ma tistax tiġi reġistrata jekk tkun qabżet il-45 sena fl-età. Hekk ġara fil-każ tal-lum.

»Il-Qorti tal-Appell għamlet l-apprezzament fattwali u legali u tat id-deċiżjoni tagħha. Dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi ġudikat. Din il-qorti fil-

ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha m'għandha l-ebda setgħa tissindaka d-diskrezzjoni applikata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha. Il-qorti sejra għalhekk tillimita ruħha li tindaga biss jekk il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell wasslux sabiex twettqet vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attriċi kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

»L-ewwel lanjanza: allegat ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni

»L-art. 45 tal-Kostituzzjoni jimponi obbligu ġenerali illi ma ssirx diskriminazzjoni *inter alia* fuq bażi tas-sess tal-persuna.

»… … …

»Ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt illi ladarba kien hemm ġudikat favur tagħha li ddikjara li l-liġi kienet diskriminatorja, u li għalhekk hija sofriet preġudizzju, u stabbilit ukoll illi l-post ta' missierha kien ittieħed mizziju tagħha, ir-rimedju kellu jkun neċessarjament wiehed pekunjarju.

»Tkompli targumenta illi l-Qorti tal-Appell "żmantellat" il-ġudikat meta rriteniet illi kellha tistħarreg in-ness bejn l-azzjonijiet tal-bord u d-danni allegatament sofferti mill-attriċi.

»Targumenta wkoll illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mhijiex kompatibbli mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali billi, minflok irrispettat il-ġudikat, iddikjarat illi l-attriċi ma kienx ħaqqha kumpens.

»Ir-rikorrenti torbot din il-lanjanza ma' vjolazzjoni mill-ġdid tad-dritt tagħha għall-ħarsien minn diskriminazzjoni fuq bażi ta` sess kif sanċit mill-art. 45 tal-Kostituzzjoni. Tonqos però li turi s-sens tal-argument. L-attriċi tgħid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Din il-fehma mhijiex kondiviża minn din il-qorti.

»Il-Qorti tal-Appell fl-ebda waqt tad-deċiżjoni tagħha ma ħassret il-ġudikat bħal ma lanqas ma imponiet ruħha fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali kien pjenament rispettat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha. Kif fissret aktar kmieni kienu oħra l-konsiderazzjonijiet, waħda ta' natura legali u oħra ta' indole fattwali, illi wasslu l-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi kif iddeċidiet.

»Il-qorti tosserva illi għandhom raġun l-imħarrkin jargumentaw illi l-motivazzjoni tal-Qorti tal-Appell ċertament illi ma tammontax għal leżjoni skont l-art. 45 tal-Kostituzzjoni.

»L-ewwel lanjanza qegħda tkun respinta.

»It-tieni lanjanza: allegat ksur tal-art. 14 abbinat mal-art. 3 tal-Konvenzjoni

»»L-art. 3 jittratta ksur tal-jedd fundamentali għall-ħelsien minn trattament degradanti. Ir-rikorrenti tilmenta illi sofriet trattament degradanti minħabba l-fatt illi hija mara.

»… … …

»Il-qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-Avukat Ġenerali illi din il-lanjanza tista' tirreferi għal żewġ aspetti differenti. Minn ottika minnhom tista' tirreferi għall-fatt li l-attriċi ma tħallietx tapplika bħala ħaddiema prospettiva sempliċement għaliex kienet mara. Jekk dan huwa l-każ din il-qorti m'għandhiex għalfejn tistħarreġ din il-kwistjoni għaliex dan il-punt

ġie dettaljatament studjat mill-ewwel qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali u jikkostitwixxi ġudikat favur l-attriċi. B'hekk, it-trattament degradanti illi giet soġġetta għalih l-attriċi meta ma tħallietx tapplika bħala ħaddiema prospettiva tal-port ġie rimedjat bil-bdil fil-liġi u bl-ordni tal-qorti illi l-attriċi titħalla tirreġistra.

»Jekk din il-lanjanza tittieħed mill-ottika l-oħra, din tista' tkun qed tirreferi għall-proċess ċivili u għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Huwa fil-fatt minn din l-ottika illi l-attriċi tallega vjolazzjoni. L-argument tagħha huwa fis-sens illi seħħet vjolazzjoni mill-ġdid meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ċaħħditha mir-rimedju pekunjarju. Tgħid illi din kienet trawma għaliha mhux biss għaliex ma ħadet xejn iżda anki għaliex sabet ruħha mneżża' mid-dinjità tagħha ta' mara kull meta kellha tiffaċċja n-nies u tgħid li fil-verità ma kienet rebħet xejn.

»Il-proċediment anke minħabba n-novità tiegħu ġab miegħu interess medjatiku qawwi. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell irrevokat id-deċiżjoni tal-ewwel qorti bla dubju ġab dieqa kbira fir-rikorrenti. Madanakollu però dan il-fattur waħdu żgur illi ma jammontax għal trattament degradanti kif mifhum u applikat fil-ġurisprudenza. Kien il-proċess kostituzzjonali illi ha ħsieb jagħti lura lir-rikorrenti d-dinjità tagħha bħala mara bid-dikjarazzjoni ta' antikostituzzjonalità tal-liġi fuq bażi ta' sess. Fil-proċess ċivili l-attriċi marret għal *restitutio in integrum*; mhux biss li tingħata d-dritt illi tiret il-liċenzja ta' missierha iżda wkoll illi titpoġġa f'qagħda daqs li kieku kienet daħlet għax-xogħol bħala ħaddiem tal-port mingħajr xkiel. Dan premess, il-fatt li ma kenitx kompensata bi flus ma warrabx mill-attriċi mid-dinjità tagħha.

»It-tieni lanjanza tar-rikorrenti qiegħda tkun riġettata.

»It-tielet lanjanza: allegat ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni

»Ir-rikorrenti tilmenta minn leżjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq abbażi ta' żewġ aspetti.

»Tgħid illi l-Qorti tal-Appell irrevokat sentenza li *ormai* kienet għaddiet in ġudikat. U tallega illi seħħet vjolazzjoni tar-*reasonable time requirement* mill-qrati meta l-proċeduri tagħha ħadu t-tul żejjed biex ikunu deċiżi.

»Dwar il-kwistjoni tar-*res judicata* l-attrici tinsisti illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tistaqsi kif setgħet il-Qorti tal-Appell tgħid illi "*she sat back*" meta effettivament għamlet żmien twil il-qorti tiġġieled għad-drittijiet tagħha.

»Tgħid ukoll illi l-"Qorti tal-Appell ma għarfitx issarraf u tapplika korrettement is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali".

»Tgħid ukoll illi ladarba l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li hija sfat vittma ta' diskriminazzjoni, dan holoq dritt għal indennizz iżda dak id-drittt "il-Qorti tal-Appell injoratu jew, agħar minn hekk, ġabitu fix-xejn – u *ipso facto* wettqet vjolazzjoni ġdida għaliex injorat *res judicata*".

»Izzid tgħid illi:

> »"Bi ftit sentenzi, l-onorabbli Qorti tal-Appell (i) farfret il-mantell ta' *victim status* li l-Qorti Kostituzzjonali kienet xeddet fuq ir-rikorrenti, (ii) tajjret l-effetti legali tas-sentenza tat-2 ta' Novembru 2001 li

> kienet għaddiet in ġudikat, u (iii) ħadet lura mingħand ir-rikorrenti kull għamla ta' rimedju li kienet ordnat il-Qorti Kostituzzjonali bl-imsemmija sentenza tagħha kif ukoll kull xorta ta' kumpens li kienet ordnat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bis-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012."

»Għal dawn ir-raġunijiet l-attriċi tgħid illi kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

»L-intimati kkontestaw din il-lanjanza.

»… … …

»Dwar l-ilment illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-qorti hija tal-fehma li l-ilment m'għandux mis-sewwa.

»Ir-rimedju mogħti bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali la ġie rivedut u lanqas mittiefes.

»Il-Qorti tal-Appell għarblet u ddeċidiet kwistonijiet purament ta' natura ċivili u ma daħlitx fl-aspett kostituzzjonali tal-vertenza, anki għaliex irrispettat il-fatt illi f'dan ir-rigward kien hemm ġudikat.

»Waqt illi l-attrici għandha kull jedd ma taqbilx ma' dak il-pronunzjament, il-fatt illi l-Qorti tal-Appell waslet għall-konkluzjoni li ma kien dovut ebda kumpens pekunjarju lir-rikorrenti ċertament illi ma jiċċentra xejn ma' allegata lezjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq.

»Dak l-ewwel ilment dwar vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq qed ikun miċħud.

»Niġu issa għall-ilment dwar dewmien.

»Il-proċeduri damu għaddejjin ħamsa u għoxrin (25) sena.

»Dan it-tul oġġettivament imur lil hinn mill-aspettitivi dwar dewmien kif mifhum mill-*ECtHR*.

»Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tgħarbel u tislet sewwa sew il-għaliex il-proċeduri twalu daqstant u allura b'dak id-dewmien esaġerat u mhux ġustifikat seħħet vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq.

»»Fil-kompitu tagħha l-qorti trid tkun gwidata minn tliet indikaturi ewlenin:-

> »i) il-kumplessità tal-każ;
>
> »ii) l-imġieba proċesswali tal-kontendenti;
>
> »iii) il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju.

»i) Il-komplessità tal-kaz

»Mit-talbiet kif dedotti fl-atti tal-kawża 1560/1993, u *cioè* dawk li taw bidu għall-proċeduri ċivili, u kif ukoll mill-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-bord intimat, jirriżulta illi l-vertenza kienet waħda li timporta ċerta komplessità.

»In effetti, kienet il-qorti stess illi b'sentenza *in parte* dderiġiet lill-attriċi tiftaħ proċeduri kostituzzjonali fil-kuntest ta' dawk ċivili sabiex *in primis* jiġi determinat jekk il-liġi impunjata kinitx effettivament leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha.

»ii) L-imġieba proċesswali tal-kontendenti

»iii) Il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju

»Dawn il-kriterji se jkunu trattati flimkien.

»Sabiex jiġu determinati dawn iż-żewġ aspetti, irid jittieħed kont tal-proċess fl-intier tiegħu u tal-kronoloġija tal-fatti kif seħħew.

»- il-kawża ċivili ġiet intavolata fid-9 ta' Diċembru 1993;

»- il-kawża kienet appuntata għas-smigħ għall-1 ta' Frar 1994;

»- il-kawża tħalliet għas-sentenza *in parte* kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju 1995. Skont l-istess verbal is-sentenza kellha tingħata fil-5 ta' Ottubru 1995;

»- if jirriżulta mill-verbal tal-5 ta' Ottubru 1995 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-28 ta' Novembru 1995. Mill-verbali sussegwenti jirriżulta li l-kawża baqgħet tiġi differita għall-istess skop sakemm ingħatat fis-7 ta' Mejju 1999. Jirriżulta li ngħataw ben 15-il differiment għall-istess skop. Fil-frattemp, l-attriċi intavolat rikors datat l-1 ta' Diċembru 1998 fejn issolleċitat lill-qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza;

»- fit-8 ta' Ġunju 1999 l-attriċi intavolat rikors kostituzzjonali li ġie appuntat għas-smigħ għas-17 ta' Ġunju 1999. Is-sentenza ngħatat fid-19 ta' Ottubru 2000;

»- fil-31 ta' Ottubru 2000 ġie intavolat rikors ta' appell mill-Awtorità Marittima. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-20 ta' Novembru 2000. Is-sentenza ngħatat fit-2 ta' Novembru 2001; Fil-frattemp ingħataw differimenti għal diversi raġunijiet, fost-hom il-fatt li l-proċess ċitazz. nru 1560/93 ma kienx instab. Eventwalment il-proċess kien rintraċċjat u allegat;

»- il-kawża ċivili ġiet dikjarata deżerta billi pendenti l-proċeduri kostituzzjonali l-proċess u d-deċizjoni *in parte* ma nstabux. Meta nstabu il-kawża reġgħet ġiet dikjarata bħala *sine die* pendenti l-proċeduri kostituzzjonali;

»- b'rikors datat 6 ta' Marzu 2002 l-attriċi talbet li l-kawża ċivili tiġi riappuntata għas-smigħ wara l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjon-ali. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-14 ta' Ġunju 2002;

»- kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2003 il-kawża marret *sine die* billi d-difensuri tal-partijiet ma dehrux għas-seduta. Il-kawża reġgħet ġiet riappuntata għas-27 ta' Jannar 2004;

»- *ai termini* tal-verbal tad-19 ta' Mejju 2005 il-partijiet talbu differi-ment *in vista* tal-possibilità ta' tranzazzjoni. Il-kawża tkompliet fis-7 ta' Frar 2006 billi t-transazzjoni awspikata ma seħħitx;

»- tul il-proċeduri ċivili quddiem l-ewwel qorti inbidlu ben erba' mħallfin. Inbidel ukoll id-difensur tal-attriċi. Dawn il-bidliet ġabu magħhom dewmien billi min issuċċieda kellu neċessarjament bżonn żmien sabiex jiffamiljarizza ruħu mal-proċess;

»- ingħataw tliet differimenti sabiex isir il-kontro-eżami tal-attriċi. Kien biss fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 illi l-konvenut iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għall-kontro-eżami;

»- is-sentenza tal-ewwel qorti fil-proċess bin-numru 1560/1993 ingħatat fl-14 ta' Novembru 2012.

»- is-sentenza kienet appellata fit-30 ta' Novembru 2012. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għad-29 ta' Novembru 2016.

»- is-sentenza finali fil-proċeduri ċivili ngħatat fis-26 ta' Mejju 2017.

»Abbażi ta' dak li seħħ fl-*iter* proċesswali jirriżulta li kien hemm dewmien bla bżonn u irraġonjevoli dovut għal nuqqasijiet kemm tal-partijiet kif ukoll tal-qorti.

»Da parti tal-partijiet il-proċeduri twalu meta d-difensuri tal-partijiet ma dehrux u anki bit-tul illi ħadu n-negozjati intiżi li jwasslu għat-trans-azzjoni.

»Hija l-fehma konsiderata tal-qorti li *ciò nonostante* ma kienx dak id-dewmien li ġab preġudizzju.

»Is-sitwazzjoni tieħu xejra oħra meta titqies mil-lenti tal-kondotta tal-proċeduri da parti tal-qorti.

»Jirrizulta illi kien hemm dewmien bla raġuni ġustifikata qabel ma ngħatat is-sentenza *in parte*.

»Durata ta' erba' snin bl-ebda mod ma jista' jkun ġustifikat.

»L-istess dewmien kien hemm meta l-kawża marret fl-appell.

»Dan ifisser li, minn proċeduri li ħadu 25 sena komplessivament, 8 snin minnhom issarrfu fi stennija ta' azzjoni da parti tal-qorti.

»Dan id-dewmien eċċeda bil-wisq dak li huwa moralment u legalment aċċettabbli anke *in vista* tas-sensittività tal-każ, tħares mnejn tħares lejh.

»Din il-qorti hija tal-fehma li dan id-dewmien bla raġuni ġustifikata ġab leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

»Għal din il-leżjoni r-rikorrenti għandha tirċievi kumpens.

»Għall-kuntrarju tal-fehma espressa mill-Avukat Ġenerali, kien hemm nuqqasijiet lampanti da parti tal-qorti li wasslu għal leżjoni evidenti tad-dritt tal-attriċi kif sanċit taht l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

»… … … għal dan in-nuqqas huwa responsabbli l-istat billi huwa dover tal-istat illi jassigura sistema ġudizzjarja effikaċi u effettiva. Fin-nuqqas tal-istat li jagħmel dan, ikun responsabbli ta' le=żjoni. U għal dik il-leżjoni għandu jagħmel tajjeb b'kumpens.

»It-tielet lanjanza safejn tolqot il-kwistjoni tad-dewmien qiegħda tkun milqugħa, waqt li qiegħda tkun respinta għall-bqija.

»Ir-raba' lanjanza: allegat ksur tal-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni

»… … … dak li għandu jiġi evalwat huwa jekk ir-rikorrenti għandhiex "possediment" għall-finijiet tal-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni u għand-hiex "proprjetà" jew tal-anqas xi "interess fi jew dritt fuq proprjetà".

»Jekk ma jirriżultawx dawn l-elementi, il-qorti ma tkunx tista' ssib vjolazzjoni.

»Il-possediment reklamat mill-attriċi jikkonsisti fid-danni likwidati mill-ewwel qorti.

»Permezz tal-azzjoni ċivili, l-attriċi ppretendiet illi kellha tingħata rimedju għaliex fin-nuqqas hija kienet ser issofri diskriminazzjoni u preġudizzju.

»Il-qorti tosserva illi r-rikorrenti qatt ma kellha aspettattiva leġittima li kienet sejra tikseb xi rimedju, għal żewġ raġunijiet:

»- fl-ewwel lok għaliex il-liġi *in vigore* meta nbdew il-proċeduri kienet tqiegħed ostaklu għall-pretensjoni tagħha;

»- fit-tieni lok għaliex, meta nbdew il-proċeduri, l-attriċi ma kinitx taf jekk il-liċenzja ta' missierha kinitx ser tingħata lil ħaddiehor u, jekk fl-affermattiv, kinitx ser tinħareġ xorta waħda liċenzja oħra favur tagħha.

»Il-qorti żżid tgħid illi l-posizzjoni tal-attriċi kienet tkun ferm differenti li kieku fiż-żmien li ressqet it-talba tagħha ma kienx hemm dak l-ostaklu, u t-talba tagħha sabiex tirreġistra isimha bħala werrieta tal-liċenzja ta' missierha kienet tiġi rifjutata mingħajr raġuni valida.

»Li kieku dak kien il-każ hemm allura l-attriċi kien verament ikollha aspettattiva leġittima.

»Mentri fil-kaz tal-lum qatt ma seta' jkun hemm dik l-aspettattiva billi mhux biss kien hemm vertenza dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġijiet *in vigore* talli sahansitra l-bord intimat dejjem ikkontesta d-drittjiet pretiżi mill-attriċi.

»Il-leġittimità tal-pretensjoni tar-rikorrenti setgħet tiġi stabbilita biss permezz tal-qrati.

»Il-qorti ssib illi meta r-rikorrenti ottjeniet dikjarazzjoni ġudizzjarja illi kienet seħħet leżjoni tad-dritt sanċit skont l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u skont l-art. 14 abbinat mal-art. 3 tal-Konvenzjoni, hija ngħatat ukoll rimedju, għalkemm mhux wieħed pekunjarju.

»Dak il-ġudikat però ma kienx awtomatikament iġib miegħu dritt għal risarċiment fi flus.

»Dak id-dritt kellu jkun stabbilit mill-qrati ċivili.

»Id-danni likwidati mill-ewwel qorti ma jistgħu qatt jitqiesu bħala possedimenti ladarba l-likwidazzjoni kienet revokata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

»Anke din il-lanjanza qiegħda tkun respinta.

»Il-ħames lanjanza: allegat ksur tal-art. 13 tal-Konvenzjoni

»… … …

»Kull ma jeħtieġ huwa li jkun offrut rimedju effettiv minn awtorità bħal ma hija l-qorti.

»Fejn il-liġi ordinarja tonqos milli tipprovdi rimedju għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali, qorti ta' *indole* kostituzzjonali għandha s-setgħa illi toffri rimedju effettiv hija stess, dment illi min jirrikorri għandha jipprova l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu..

»Fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti kif fuq ingħad.

»Għax hekk kien il-każ sejra tillikwida kumpens.

> »Wara li ħadet kont ta` kollox, u qieset il-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-qorti qiegħda tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) bħala kumpens morali favur ir-rikorrenti għall-vjolazzjoni kkaġunata bid-dewmien. … … …
>
> »Għal dan il-kumpens għandu jagħmel tajjeb l-istat li huwa rappreż-entat mill-Avukat Ġenerali.«

12. L-attriċi appellat b'rikors tas-7 ta' Diċembru 2018. L-Avukat Ġenerali wieġeb, b'appell inċidentali, fis-17 ta' Diċembru 2018. Il-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port wieġeb kemm għall-appell ewlieni tal-attriċi u kemm ghal dak inċidentali tal-Avukat Ġenerali b'nota tas-27 ta' Diċembru 2018. L-attriċi ma weġbitx għall-appell inċidentali.

13. Nibdew bl-appell tal-attriċi, li tiftaħ l-appell tagħha hekk:

> »Illi l-ewwel aggravju tal-esponenti huwa dan: illi huwa inkredibbli u surreali illi Victoria Cassar, permezz tal-kawza kostituzzjonali li rebħet b'mod definit fit-2 ta' Novembru 2001, fetħet it-triq ghal numru kbir ta' nisa li setgħu jibdew jaħdmu bħala ħaddiema nisa fil-port u dawn kollha akkwistaw u qegħdin jakkwistaw bis-saħħa tagħha benefiċċji finanzjarji enormi għalihom u għall-familji tagħhom filwaqt li hi baqgħet mingħajr ebda forma ta' kumpens. It-tbatija psikologika għaliha hija enormi. Hija serviet u għadha sservi bħala pont biex minn fuqu jgħaddu numru kbir ta' nisa biex setgħu saru ħaddiema tal-port. Bis-sentenza appellata l-uniku post għaliha jinsab 'il barra u 'l bogħod minn din il-bonanza. Din hija inġustizzja kbira.«

14. Dan iżda ma huwiex korrett. Jekk bis-sentenza ta' din il-qorti tat-2 ta' Novembru 2001 infetħet it-triq għan-nisa li xtaqu jaħdmu bħala ħaddiema tal-port, dik it-triq infetħet għall-attriċi wkoll u kienet hi li għażlet li ma tgħaddix minnha. Dik is-sentenza epressament ordnat lill-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port "iħalli lir-rikorrenti appellata tir-reġistra bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xogħol", u dan b'seħħ minn dakinhar li rtira missierha. Kull ma kellha tagħmel l-attriċi biex tgħaddi mit-triq li nfetħet bis-sentenza tat-2 ta' Novemnru 2001 kien li

tirreġistra. Dan kien pass meħtieġ għax is-sentenza ma qalitx li kull mara li trid issir ħaddiema tal-port għandha minnufih isir ħaddiema tal-port, iżda kellu jsir il-proċess kollu li jgħodd għal kulħadd – bħal eżami mediku u ċertifikat ta' kondotta nadif – biex jista' jaħdem dan ix-xogħol; kull ma nbidel hu li jekk tagħmel it-talba l-attriċi dik it-talba ma kellhiex titwarrab għar-raġuni biss li kienet mara, iżda xorta kellhom jitħarsu l-kondizzjonijiet l-oħra li jgħoddu għal kulħadd, nisa u rġiel. Għalhekk l-attriċi kellha tibda l-proċess billi tirreġistra, kif wara kollox qablet u stqarret hi stess meta flimkien mal-parti l-oħra għamlet dan il-verbal fl-4 ta' Novembru 2004:

> »Il-partijiet qed jaqblu illi l-attriċi Victoria Cassar tista' tiġi reġistrata bħala ħaddiem prospettiv jew persuna eleġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port wara li jiġu sodisfatti ċerti kriterji li jsiru normalment u *cioè* li jsir *test* mediku u li tiġi eżaminata l-kondotta tal-attriċi. Il-partijiet qed jiftiehmu wkoll li dwar il-produzzjoni da parti tal-attriċi ta' liċenzja tas-sewqan il-partijiet ser jagħmlu verifiki ulterjuri.
>
> »Wara li jiġu sodisfatti dawn il-kriterji l-attriċi tkun tista' tiġi reġistrata bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsiderata bħala ħaddiem tal-port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xogħol u dan *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali «

u kompliet b'dan il-verbal fis-7 ta' Frar 2006:

> »… l-attriċi hi intitolata li tiġi iskritta bħala ħaddiema prospettiva fir-reġistru appositu tal-*Port Workers Scheme* u wara dan l-istadju sabiex tingħata il-liċenzja sabiex tkun tista' taħdem fl-istess skema għandhom isiru xi testijiet bħal ma huwa it-*test* mediku u tiġi eżaminata l-kondotta tal-attriċi.«

15. Iżda l-pass li kien jmiss ma seħħx għax l-attriċi naqset milli tagħmel dak li kien jonqos min-naħa tagħha biex jinbeda l-proċess li bis-saħħa tas-sentenza ta' din il-qorti tat-2 ta' Novembru 2001 infetħitilha t-triq għalih. L-għażla li tibqa' barra kienet tal-attriċi u mhux għax "l-uniku post għaliha jinsab 'il barra", kif tgħid fir-rikors tal-appell tagħha.

16. L-attriċi iżda tgħid illi ma applikatx għax il-post ta' missierha kien ġà mtela għax ingħata lil zijuha:

> »… … … meta missier ir-rikorrenti rtira minħabba l-età fis-sena 1992 u hija ġiet biex tirreġistra sabiex tidħol bħala ħaddiem tax-xatt u qalulha li għax kienet mara ma kinitx ser tiġi aċċettata, ir-rikorrenti fetħet proċeduri fil-qorti fis-sena 1993. Hija riedet li tkun il-qorti li tiddeċiedi. Iżda l-Bord tal-Ħaddiema tal-Port, meta ra li r-rikorrenti ssottomettiet ruħha għall-ġudizzju tal-qorti, qabad u ta l-liċenzja tagħha lil ħu missierha, Joseph Abela. Dan l-aġir għandu nomenklatura fil-Kodiċi Kriminali. u *cioè ragion fattasi* (artikolu 85). Il-Bord tal-Ħaddiema tal-Port ma riedx iħalli lill-qrati jiddeċiedu l-każ huma u minflok eżerċita dritt li ppretenda li għandu. B'hekk, il-liċenzja li kienet tappartjeni lil missierha, minflok ma ġiet għandha, ingħatat mill-bord lil zijuha, u dan għas-sempliċi raġuni li hija kienet mara. Il-bord ried jippreżenta lill-qrati b'*fait accompli* u hekk għamel, u rnexxielu, filwaqt li r-rikorrenti baqgħet mingħajr kumpens. … … …«

17. Dan qiegħda tgħidu l-attriċi, iżda s-sentenza tat-2 ta' Novembru 2001 tgħid mod ieħor: tgħid ċar illi l-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port kellu "jħalli lir-rikorrenti appellata tirreġistra bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xogħol", u dan b'seħħ minn dakinhar li rtira missiera, jiġifieri qabel ma l-liċenza ngħatat lil zijuha. Il-fatt li l-liċenza ngħatat lil zijuha għalhekk ma seta' jkun ta' ebda ostakolu għall-esekuzzjoni tas-sentenza, u ebda *fatto compiuto* li seħħ qabel is-sentenza ma seta' jegħleb dak li tgħid is-sentenza. Il-fatt li l-bord għaraf liz-ziju tal-attriċi bħala ħaddiem tal-port ma jibdel xejn mill-kundanna tal-istess bord li "jħalli lir-rikorrenti appellata tirreġistra bħala persuna eliġibbli biex tiġi konsidrata bħala ħaddiem tal-port" flok missierha.

18. L-attriċi iżda għażlet li tinterpreta s-sitwazzjoni bħallikieku l-Qorti Kostituzzjonali kienet sejra tibqa' impotenti quddiem *fatto compiuto* li seħħ qabel, bħallikieku huwa daqshekk faċli li sentenzi tal-Qorti

Kostituzzjonali jiġu frustrati. Ma jistax ma jingħadx hawnhekk illi l-ewwel qorti fehmet sew il-ħsieb tal-attriċi meta issottolinjat l-argument tal-attriċi illi "r-rimedju kellu jkun neċessarjament wiehed pekunjarju" u mhux *restitutio in integrum*, għax dak li jidher ċar li riedet l-attriċi ma kienx illi ssir ħaddiem tal-port iżda li titħallas ta' ħaddiem tal-port – tieħu "rimedju pekunjarju" – bla ma tagħmel ix-xogħol ta' ħaddiem tal-port. Li kieku tassew kellha interess li ssir ħaddiem tal-port ma kinitx sejra tħalli għaddejja l-opportunità li tatha din il-qorti bis-sentenza tat-2 ta' Novembru 2001 meta neħħiet l-ostakolu ta' diskriminazzjoni kontrieha għax mara u hekk reġgħet fetħitilha t-triq li tirreġistra, b'seħħ ukoll minn dakinhar li rtira missierha (jiġifieri wkoll qabel ma zijuha sar ħaddiem tal-port), basta timxi bil-proċedura li trid il-liġi – li espressament qablet magħha hi stess bil-verbali tal-4 ta' Novembru 2004 u tas-7 ta' Frar 2006 – biex ir-reġistrazzjoni tagħha ta' ħaddiem tal-port tkun regolari kif trid il-liġi.

19. L-attriċi tgħid ukoll illi qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet li ma setgħetx tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2017:

> »… … … L-ewwel qorti qalet li m'għandhiex ġurisdizzjoni li tidħol fuq dak li jkun deċiż mill-Qorti tal-Appell. Hija qalet hekk:
>
> > »"Il-Qorti tal-Appell għamlet l-apprezzament fattwali u legali u tat id-deċiżjoni tagħha. Dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi ġudikat. Din il-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha m'għandha l-ebda setgħa tissindaka d-diskrezzjoni applikata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha.
>
> »… … … dina l-enunċjazzjoni hija żbaljata. … … … ma jistax jingħad b'mod assolut illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma tistax tissindaka d-diskrezzjoni applikata f'sentenza fi grad ta' appell. … … …
>
> »… … … il-qorti qalet li tassew kien hemm diskriminazzioni a bażi ta' sess. Hija lmentat kemm dwar il-validità tal-*framework* jew qafas leġislattiv, kif ukoll dwar il-mod kif dan ġie applikat mill-Bord tal-Ħaddiema tal-Port. Issa l-bord qabad u ta l-liċenzja ta' missierha lil

> zijuha, kif intqal fuq, u b'hekk wettaq azzioni abbużiva serja. Iżda l-ewwel qorti, minkejja li dehrilha li r-rikorrenti ġarrbet telf pekunjarju, ikkonkludiet illi l-bord m'għandux jintalab iwieġeb hu għat-telf pekunjarju soffert mir-rikorrenti. Iżda r-rikorrenti ma tistax ħlief taraha ħaġa stramba ħafna illi l-ewwel qorti, wara li qalet dan, żiedet tgħid bi kliem ċar: "ma jistax jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà *vis-à-vis* ir-rikorrenti". Wieħed neċessarjament jistaqsi: allura jekk l-ewwel qorti ħasset (a) li r-rikorrenti ġarrbet telf pekunjarju u (b) li l-bord ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbiltà legali "*vis-à-vis* ir-rikorrenti", sewwa sew għaliex ir-rikorrenti baqgħet ma ngħatat l-ebda kumpens? Jekk sofriet telf pekunjarju u jekk il-bord ma jistax jaħsel idejh mir-responsabbiltà "*vis-à-vis* ir-rikorrenti", allura skont il-Kodiċi Ċivili min iġarrab telf finanzjarju u jintwera li hu każ fein għandha tinġarr responsabbiltà *vis-à-vis* dik il-persuna, hemm dritt għad-danni. Konsegwentement, hemm *non sequltur* bejn dak li ntqal mill-ewwel qorti … u dak li kkonkludiet fid-*decide*. Jekk il-bord ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbiltà versu r-rikorrenti, u din ġarrbet telf pekunjarju, il-bord ghandu jirrispondi għad-danni.
>
> »Il-kwistjoni ta' *terzo grado di appello* bir-rispett kollu ma tidħol xejn. Dak li jgħodd tassew hu li ma kienx hemm smigħ xieraq (u seħħet diskriminazzjoni) peress li nkisru d-drittijiet tagħha meta l-liċenzja ta' missierha ngħatat lil zijuha minflok lilha; hija ġarrbet telf pekunjarju b'riżultat dirett ta' dina d-deċiżjoni tal-bord, u għal dan it-telf hija ma ngħatax kumpens mill-Qrati Maltin. Din mhix kwistjoni ta' appell ieħor. … … … Filwaqt li dawn huma proċeduri li jirrigwardaw primarjament id-dritt għal smigħ xieraq u diskriminazzjoni, l-esponenti ma taqbilx mal-ħsieb illi attriċi f'kawza ċivili li jirnexxilha tipprova li garrbet telf pekunjarju għandha tibqa' ma tingħatax kumpens mill-Qorti tal-Appell. Għall-esponenti, dan *ut sic* jivvjola d-dritt għal smigħ xieraq. … … …
>
> »Il-privazzjoni minn kumpens għad-danni sofferti fejn ġie stabbilit li l-bord wettaq dannu li ma jistax jinħeles mir-responsabbiltà għalih *vis-à-vis* ir-rikorrenti hija negazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, u dan mhuwiex sempliċi "skonfort". Dan m'huwiex appell ieħor, lanqas *per idea*. Ir-rikorrenti filli kellha ġudikat favur tagħha mill-ogħla qorti tal-pajjiż, u filli daħlet quddiem il-Qorti tal-Appell u ħarġet u "baqgħet b'xejn".«

20. Tassew illi qorti b'kompetenza kostituzzjonali tista' tħassar sentenza ta' qorti oħra. Iżda dan tagħmlu mhux għax ma taqbilx mal-konklużjoni li tkun waslet għaliha dik il-qorti l-oħra iżda għax is-sentenza tal-qorti l-oħra tkun ingħatat wara proċess li ma jkunx ħares il-jedd għal smigħ xieraq. F'dan is-sens għandu jiftehem il-kunċett li qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma hijiex grad ieħor ta' appell, għax il-kompitu tagħha ma huwiex li tiġġudika fuq il-korettezza ta' sentenzi ta' qrati oħra iżda

fuq il-kompatibilità tagħhom mad-drittijiet fondamentali. Qalet sew l-ewwel qorti meta qalet illi:

> »Anke jekk ir-rikorrenti ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell, u anke jekk il-Qorti tal-Appell ħadet żball fl-interpretazzjoni tagħha tal-fatti jew tal-liġi, is-setgħa ta' din il-qorti bħala qorti ta' ġuris-dizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali huwa ċirkoskritt u arġinat [*recte*, is-setgħa … hija ċirkoskritta u arġinata] għall-istħarriġ ta' jekk avveratx ruħha leżjoni tal-jeddijiet fondamenti tar-rikorrenti. Kwalun-kwe konsiderazzjoni oħra tmur *oltre* l-kompetenza tagħha.«

21. Fil-każ tallum l-attriċi tgħid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija anti-kostituzzjonali għax iċċaħħadha mill-jedd għal kumpens għall-ksur tad-dritt tagħha li ma ġġarrabx diskriminazzjoni meta hemm sentenza tal-Qorti Kostiutuzzjonali li tgħid illi l-attriċi tassew ġarrbet dak il-ksur.

22. Tassew illi l-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza tat-2 ta' Novembru 2001 sabet illi l-attriċi kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Iżda r-rimedju li tat il-qorti għal dan il-ksur tad-dritt tal-attriċi ma kienx id-danni iżda *restitutio in integrum*: qegħditha fl-istess posizzjoni li kienet fiha meta rtira missierha daqslikieku setgħet tirreġistra għal-liċenza ta' missierha minn dakinhar stess mingħajr l-ostakolu tad-diskriminazzjoni. Rimedju ngħata lill-attriċi u ma ġiex imħassar bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Li kieku nqdiet b'dan ir-rimedju l-attrċi ma kienet tkun ġarrbet ebda dannu għax ir-rimedju ngħatalha b'seħħ *ex tunc*. L-attriċi iżda, għar-raġunijiet tagħha, għażlet li ma tinqediex bir-rimedju li tatha l-Qorti Kostituzzjonali u kien għalhekk – għax ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali kien *restitutio in integrum* u mhux danni - illi l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tas-7 ta' Frar 2006 ċaħdet it-talba tal-attriċi għal "rimedju pekunjarju". Ma hemm ebda inkompatibilità mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

23. Dan l-aggravju tal-attriċi huwa għalhekk miċħud.

24. L-attriċi appellat ukoll mill-*quantum* tal-kumpens likwidat favur tagħha minħabba dewmien għax tgħid illi persuni li damu daqsha biex ħadu sentenza ngħataw kumpens ogħla. Billi l-Avukat Ġenerali ressaq appell inċidentali dwar is-sejbien ta' ksur tal-art. 6 minħabba dewmien il-qorti sejra tqis l-aggravju dwar il-*quantum* wara li tqis l-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali dwar is-sejbien ta' ksur.

25. L-Avukat Ġenerali fisser l-aggravju tiegħu hekk:

> »… … … dan l-appell inċidentali huwa indirizzat lejn dawk il-kapijiet tas-sentenza fejn l-ewwel onorabbli qorti sabet leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fejn illikwidat favur Victoria Cassar kumpens morali fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) u fejn ordnat lill-esponent iħallas lil Victoria Cassar is-somma hekk likwidata;
>
> »L-ewwel aggravju huwa dwar il-fatt li l-ewwel onorabbli qorti sabet leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
>
> »Illi f'dan ir-rigward l-esponent isostni illi f'dan il-każ partikolari, minkeljja illi l-vertenza ċivili inkwistjoni ġiet riżolta fi spazju ta' 24 sena, ma kienx hemm leżjoni tad-dritt ta' Victoria Cassar għal smigħ xieraq u dan għar-raġunijiet hawn esposti.
>
> »Illi jibda biex jingħad illi żmien ta' dan ix-xorta jista' jagħti bħala l-ewwel impressjoni li l-kawża ħadet żmien irraġonevoli u twil biex tiġi deċiża. Madankollu hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat [*recte*, l-irraġonevolezza … ma għandhiex tiġi determinata] fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies [*recte*, għandha titqies] fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun … … …
>
> »… … …
>
> »Illi f'dan il-kuntest, mat-trapass taż-żmien il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea stabbilew ċertu fatturi li għandhom jiġu meqjusa biex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli jew le. Dawn il-fatturi jinkludu: -
>
> »a. in-natura u / jew komplessità tal-każ inkwistjoni;
>
> »b. l-imġieba proċesswali tal-partijiet fil-kawża; u
>
> »ċ il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess;
>
> »… … …

»Illi ntqal fuq dawn il-kriterji li l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġonevoli.

»Illi huwa fid-dawl ta' dawn il-fatturi u principji stabbiliti mill-ġuris-prudenza lokali u anke dik Ewropea li fil-każ odjern irid jiġi eżaminat jekk l-ilment tal-irraġonevolezza fid-dewmien tal-proċeduri ċivili ssollevat ml-appellanti huwiex wieħed ġustifikat jew le. Naturalment id-determinazzjoni ta' tali kwistjoni tinvolvi skrutinju tal-atti kollha li kienu jikkostitwixxu l-kawża ċivili, b'ħarsa partikolari għall-verbali tas-seduti miżmuma mill-qorti, għaliex minn hemmhekk wieħed jista' jistabilixxi l-mod ta' kif żvolġiet l-attività proċesswali.

»Dwar in-natura u / jew komplessità tal-każ inkwistjoni

»Illi mill-atti proċesswali tal-kawża <u>Victoria Cassar *et v.* Carmel Schembri *nomine*</u> (ċit. nru 1560/1993) jirrizulta li l-vertenza li kellha quddiemha l-qorti kienet in suċċint allegazzjoni illi minħabba li l-appellanti ma ġietx impjegata bħala ħaddiema tal-port hija kienet qed tbati danni u għaldaqstant talbet lill-qorti sabiex tordna lill-konvenut biex ma jimpjega 'l ħadd biex jimla' l-post vakat minn missierha, biex iħalliha tirreġistra uffiċjalment isimha fil-ktieb tal-ħaddiema prospettivi tal-port, sabiex tillikwida danni li tista' ssofri kemm-il darba l-konvenut *nomine* idaħħal xi persuna sabiex jimla' l-post vakati li ħalla missierha meta rtira u sabiex tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-attriċi d-danni kollha likwidati.

»Illi min-naħa l-oħra l-konvenut f'dik il-kawża eċċepixxa illi l-vakanza *de quo* kienet ġiet mimlija skont ir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port, li l-appellanti qatt ma kienet impeduta milli tirreġistra uffiċjalment fil-ktieb tal-ħaddiema prospettivi mill-port, kienet hi li naqset milli tottempera ruħha mal-artikolu 13 tar-Regolamenti fuq indikati, li għaldaqstant tilfet kull benefiċċju li kellha u li għalhekk it-talba u konsegwentement ħlas għall-allegati danni għandhom jiġu respinti.

»Huwa sintomatiku mill-atti ġudizzjarji li permezz tagħhom inbdew il-proċeduri ċivili li x-xorta ta' kwistjoni li kienet quddiem il-Qorti Ċivili kienet kumplessa u kienet tinvolvi l-ftuħ separat ta' proċeduri kostituzzjonali fil-kuntest ta' dawk ċivili. Fuq dan il-punt l-ewwel onorabbli qorti qablet mal-esponent u fil-fatt *a fol.* 96 tas-sentenza appellata jingħad illi "mit-talbiet kif dedotti fl-atti tal-kawża 1560/1993, u *cioè* dawk li taw bidu għall-proċeduri ċivili u kif ukoll mill-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-bord intimat, jirriżulta illi l-vertenza kienet waħda li timporta ċerta' komplessità".

»Illi jingħad ukoll illi wara s-sentenza kostituzzjonali, għaddew diversi snin sakemm l-appellanti ddeċidiet illi ma tridx tersaq biex tirreġistra u l-kawża setgħet titkompla.

»Illi fil-fehma tal-esponent dawn il-fatturi kellhom jittiehdu in konsider-azzjoni meta l-ewwel onorabbli ddeċidiet dwar ir-raġonevolezza tad-dewmien.

»Dwar l-imġieba proċesswali tal-partijiet fil-kawża

»Illi ż-żewġ fatturi l-oħra li jridu jitqiesu biex wieħed jasal għal deċiżjoni jekk kawża inqagħtetx fi żmien raġonevoli jew le huma l-imġieba

proċesswali ta' min ikun qiegħed iressaq l-ilment u s-sehem tal-awtoritajiet konċernati fid-dewmien. Dawn iż-żewġ fatturi ser jiġu kkunsidrati flimkien.

»… … …

»Naturalment biex wieħed ikun jista' jiddetermina jekk id-dewmien kienx dovut minħabba t-tnikkir tal-partijiet jew minħabba n-nuqqasijiet tal-qorti milli tmexxi l-kawża b'ħeffa u diliġenza, wieħed irid bilfors jeżamina l-*iter* proċesswali kollu kif reġistrat fl-atti tal-kawża.

»Illi f'dan ir-rigward l-esponent iħoss illi għandhom jiġu osservati s-segwenti:

»illi għalkemm il-kawża ġiet istitwita fl-1993, l-appellanti damu sal-2004 biex jagħalqu l-istadju tal-provi tagħhom;

»Kien hemm drabi fejn l-appellanti u d-difensuri tagħha ma dehrux jew ma ressqux provi tant illi fis-seduta 9 ta' Ottubru 2003 il-qorti ddeċidiet illi tħalli l-kawża *sine die*.

»illi kien hemm perjodu fejn il-partijiet stess kienu talbu lill-istess Qorti Ċivili sabiex tissospendi l-prosegwiment tal-kawża *stante* trattativi ta' transazzjoni, liema perjodu kien bejn Mejju tas-sena 2005 u Frar tal-2006;

»Kien hemm żmien fejn l-avukat difensur tal-appellanti nbidel u għalhekk id-difensur il-ġdid kien talab żmien sabiex jieħu konjizzjoni tal-proċess. Kien għalhekk li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2007 ma sar xejn u l-kawża kienet tħalliet għat-22 ta' Mejju 2007.

»illi wara li kienu ngħalqu l-provi attriċi fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2009 id-difensur tal-appellanti kien talab li terġa' tixhed l-appellanti u fis-seduta ta' wara naqas milli jtella' l-appellanti tixhed kif qal li ried jagħmel iżda reġa' informa l-qorti bl-intenzjoni tiegħu li jtellagħha tixhed;

»illi ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-qrati fir-rigward ta' dewmien. Tant hu hekk li wara li gew ezawriti l-provi, u saru s-sottomissjonijiet finali, liema sottomissjonijiet saru f'Ġunju 2012, l-ewwel onorabbli qorti tat is-sentenza taghha fis-seduta ta' wara u *cioè* f'Novembru 2012. Jinghad ukoll li wara li l-appell minn dik is-sentenza ġie trattat fi Frar 2017, il-Qorti tal-Appell tat id-decizjoni finali taghha fis-26 ta' Mejju 2017;

»Għal kull buon fini jiġi rilevat li safejn il-kawża kienet tiddependi minn xi deċiżjoni tal-qorti, l-istess qorti dejjem għamlet l-almu tagħha biex tmexxi l-każ bl-akbar ħeffa possibli, tant li ma damitx biex tagħti s-sentenza kemm fil-prim'istanza kif ukoll fl-appell u lanqas ma damet kull darba li hija kienet mitluba biex tagħti xi provvedimenti u digrieti fuq rikorsi mressqa mill-partijiet. Għalhekk ma jistax jingħad li l-qorti kienet komparteċipi fid-dewmien tal-proċeduri.

»Għaldaqstant komplessivament meta wieħed jassorbi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha partikolarment in-natura tal-każ, l-għadd ta' provi miġbura, il-fatt li l-atturi ma ħabirkux biex tgħaġġel aktar il-kawża u li l-qorti sa fejn ġiet mitluba tintervjeni dejjem imxiet b'ħeffa u b'dili-ġenza, dan kollu kellu jwassal lil ewwel onorabbli qorti biex isib li fil-proċeduri ċivili ma ġiex miksur il-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli jew għallinqas jekk kien hemm dewmien mhux raġonevoli

dan huwa imputabbli in parti wkoll ghall-atturi li matul il-kors tal-kawża m'ghamlux pressjoni partikolari sabiex il-kaz jithaffef aktar. B'hekk l-istat ma kellux jinstab li vvjola d-drittijiet ta' smigħ xieraq tal-attriċi Victoria Cassar, illum appellanti.

»Jiġi b'hekk li dawk il-kapijiet fis-sentenza appellata fejn l-ewwel onorabbli qorti sabet leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jixirqu li jiġu mħassra."

26. Effettivament, f'dak kollu li jgħid f'dan l-aggravu l-Avukat Ġenerali ngħata raġun mill-ewwel qorti, tant illi l-qorti osservat illi:

»Hija l-fehma konsiderata tal-qorti li *ciò nonostante* ma kienx dak id-dewmien li ġab preġudizzju.«

27. Il-qorti iżda kompliet hekk:

»Is-sitwazzjoni tieħu xejra oħra meta titqies mil-lenti tal-kondotta tal-proċeduri da parti tal-qorti.

»Jirrizulta illi kien hemm dewmien bla raġuni ġustifikata qabel ma ngħatat is-sentenza *in parte*.

»Durata ta' erba' snin bl-ebda mod ma jista' jkun ġustifikat.

»L-istess dewmien kien hemm meta l-kawża marret fl-appell.

»Dan ifisser li, minn proċeduri li ħadu 25 sena komplessivament, 8 snin minnhom issarrfu fi stennija ta' azzjoni da parti tal-qorti.

»Dan id-dewmien eċċeda bil-wisq dak li huwa moralment u legalment aċċettabbli anke *in vista* tas-sensittività tal-każ, tħares mnejn tħares lejh.

»Din il-qorti hija tal-fehma li dan id-dewmien bla raġuni ġustifikata ġab leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

»Għal din il-leżjoni r-rikorrenti għandha tirċievi kumpens.«

28. Din il-konklużjoni b'ebda mod ma ġiet indirizzata fl-aggravju tal-Avukat Ġenerali, u verament ftit hemm x'jista' jingħad. Li kawża ddum wieqfa erba' snin tistenna li tingħata sentenza – aktar u aktar sentenza *in parte* li ma taqtax il-kwistjoni – diffiċilment jista' jiġi ġustifikat. L-istess jingħad meta kawża ddum wieqfa erba' snin tistenna appuntament għall-appell. Tassew illi dan jiddependi min-numru ta' kawżi u mir-riżorsi disponibbli, li huma dawk li huma; jiddependi wkoll mill-fatt li

numru ta' kawżi minħabba n-natura tagħhom jaqbżu t-turn tagħhom u b'hekk il-kawżi l-oħrajn jintefgħu aktar lura; tassew ukoll illi l-partijiet spiss ma jagħmlux il-parti tagħhom, għax meta trattazzjoni fl-appell tkun biss ripetizzjoni ta' dak li ġà nkiteb fl-atti – b'mod li t-trattazzjoni ssir aktar biex timpressjona lill-klijent milli biex timpressjona lill-qorti – jista' jiġi iffrankat ħafna ħin jekk il-partijiet jiddikjaraw mill-bidunett – u mhux fl-aħħar mument – li jistgħu joqogħdu fuq l-atti, u għalhekk ma jibqax meħtieġ li kawża tistenna t-turn tagħha sakemm tiġi appuntata. Pajjiżi oħrajn solvew jew taffew il-problema tad-dewmien billi żiedu t-tariffi u hekk ħolqu diżinċentiv biex dak li jkun jidħol il-qorti, waqt li pajjiżna għażel – u fil-fehma ta' din il-qorti għamel sew – li ma jxekkilx b'dan il-mod il-jedd ta' aċċess għal qorti. Il-qorti tagħraf dan kollu; madankollu, tmien snin ta' inattività ma jistgħux ma jitqisux nuqqas ta' ħarsien tal-ħtieġa li kawżi jinqatgħu fi żmien raġonevoli u ksur tal-obbligu tal-istat li jagħmel disponibbli biżżejjed riżorsi biex il-qrati jistgħu jibxu b'aktar ħeffa u effiċjenza

29. Dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk miċħud.

30. Jifdal l-aggravju, kemm tal-attriċi, li trid aktar, u kemm tal-Avukat Ġenerali, li jrid jagħti anqas, dwar il-*quantum*.

31. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ewwel qorti qieset il-fatturi kollha relevanti għal-likwidazzjoni tad-danni u tathom il-piż xieraq. Tqis illi l-ewwel qorti għamlet ġudizzju għaqli u ma tarax li hemm raġunijiet għala għandha tvarja l-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel qorti.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad kemm l-appell ewlieni u kemm dak inċidentali, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell ewlieni tħallashom l-attriċi u dawk tal-appell inċidentali jħallashom l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm